**KUNSILL LOKALI ISLA**

**IL-ĦAMES KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU ĦMISTAX**

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar l-Erbgħa 7 ta' Diċembru, 2005 fis-6.30pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.30pm |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | 6.30pm |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | 6.30pm |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | 6.45pm |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | 6.30pm |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv | |
| Udjenza : | 0 | | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Mistoqsijiet lis-Sindku
(4) Football Ground - Kuntratt
(5) Attivita' Rigal lill-Anzjani
(6) Pjazza Juan B. Azzopardo.
(7) Talba eżibizzjoni M.C.Escher ġewwa l-Isla
(8) Rikonoxximent tfal Junior Lyceum u bibita Sotto Kumitat.
(9) Riżoluzzjonijiet
(10) Ħlas ta' Pagamenti.

<u>Sospensjoni ta' Regolamenti</u>

Is-Sindku Joseph Casha ressaq sospensjoni ta' regolamenti biex tkun tista' issir addenda fl-Aġenda tal-laqgħa. Ġew miżjuda dawn iż-żewġ items fuq l-Aġenda:- Item no. 4 Kuntratt Football Ground u Item no.10 Ħlas ta' Pagamenti.

## 15 (1) Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta imressqa mill-Viċi Sindku, Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva nem com il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Nru. 14, kif preżentati.

## 15 (2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-ħidma li saret mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

15(2) .1 Laqgħat ma' l-Avukat Aaron Mifsud Bonnici – 14 ta' Novembru 2005

Preżenti għal din il-laqgħa kien hem mis-Sindku Joseph Casha, il-Viċi Sindku Walter Ahar, u il-Kunsilliera Louis Henwood u Reno Chircop.

Il-laqgħa saret bil-għan li ssir by law għal Ġnien il-Gardjola u is-Sala tal-Kunsill. Ingħataw dokumenti relevanti biex l-avukat jkun jista' jaħdem fuqhom.

Rigward devoluzzjoni mill-Gvern, l-Avukat fisser li fl-aħħar mill-aħħar id-deċisjoni finali għall-għoti ta' devoluzzjoni hija għal kollox tal- Gvern Ċentrali.

15(2) .2 Proġett Euro Med – 17 ta' Novembru 2005

Grupp ta' madwar40 żagħżugħ żaru l-Isla fejn ġew imdawra ma l-Isla u meħuda Ġnien il-Gardjola u Sally Point. Din iż-żjara kienet organizzata mill-Kumitat Konġunt għall-Kottonera. Minn naħa tal-Kunsill kienu preżenti biex jilqagħhom is-Sindku Joseph Casha, il-Viċi Sindku Walter Ahar u il-Kunsilliera Louis Henwood u Reno Chircop.

15(2) .3 Sterling Guard Wardens – 18 ta' Novembru 2005

Is-Sindku Joseph Casha kellu laqgħa mas-Sur Dino Stabbings u John Bonnici. Din il-laqgħa saret minħabba li Sterling Guard Wardens huma il-Kuntratturi il-ġodda. Ġew diskussi id-diffikultajiet li dan il-Kunsill qed jiffaċċja b'dan is-servizz.

15(2) .4 Żjara H.M.S. Illustrious – 21-22 ta' Novembru 2005

Is-Sindku beda biex faħħar il-ħidma li saret mis-sub committee inkarigata minn din l-attivita'. Is-suċċess ta' din il-ħidma deher mill-attivita' kbira li kien hemm u mill-attendenza kbira u parteċipazzjoni tas-Sengleani.

15(2) .4.1 Minn naħa tagħhom kemm il-Kummissjoni Għolja Ingliża kif wkoll il-Kmandant ta' l-H.M.S. Illustrious kienu sodisfatti bit-tħejjijiet u it-turn out ta' l-attivita' imħejja mill-Kunsill.

15(2) .4.2 Mehmuż kopja ta' l-ittri ta' ringrazzjament li il-Kunsill irċieva mill-Kaptan ta' l-H.M.S. Illustrious u Rear Admiral, President ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-H.M.S. Illustrious. Il-Kunsill għadda l-ittra ta' ringrazzjament lil dawk kollha li taw sehemhom fil-ħidma ta' din l-attivita'.

15(2). 5 Inaugurazzjoni tal-Grand Harbour Marina – 20 ta' Novembru 2005

Is-Sindku Joseph Casha kien mistieden u attenda għal ftuħ uffiċjali ta' din il-Marina li sar mir-Reġina Eliżabetta it-Tieni. Il-Viċi Sindku Walter Ahar kien preżenti wkoll.

15(2) .6 Bazaar fil-Librerija tal-Kunsill – 23 – 29 ta' Novembru 2005

Il-Kunsill organizza dan il-bazaar bil-għan li jinġabru finanzi biex jissusidjaw l-attivitajiet tal-Milied għall-anzjani tar-raħal. L-attendenza kienet fqira.

15 (2) .7 Għotja ta' kotba Skola Primarja Don Mauro – 28 ta' Novembru 2005

Is-Sindku Joseph Casha u is-Segretarju Eżekuttiv kienu mistiedna u attendew għall-ewwel għotja ta' 50 ktieb (Proġett Cominus).

Il-Kunsill qed jagħti sponsor għal dawn il-kotba biex ikunu jistgħu jitqassmu bi prezz nominali ħafna.

Il-Kunsill ġie mistieden għal jum il-Premjazzjoni li din l-iskola sejra ittella' nhar l-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2005.

15 (2) .8 Care Link Security System – 29 ta' Novembru 2005

Is-Sindku Joseph Casha u is-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sur Charles Zammit mill-Maltacom li introduċa lis-sur Tony Borġ li huwa ir-rappreżentant ta' dan is-servizz.. Dan huwa prodott ieħor li qed toffri il-Maltacom.

15 (2) 8.1 Din is-sistema ta' sigurta' tal-Personnel u tal-Bini qed tiġi offerta lill-Kunsilli Lokali kollha. Kopja ta' kif taħdem hija mehmuża mal-minuti.

15 (2) 8.2 Din is-sistema tista' tinxtara għal madwar Lm400 imma l-ispejjeż ta' manutenzjoni u ħsarat u kera ta' Lm2.50 fix-xahar.

15 (2) 8.3 Wara diskussjoni il-Kunsill approva nem com li jixtri din is-sistema għal Lm9.44 fix-xahar.

15 (2) 9 Laqgħa ma' l-Onor. Ministru Francis Zammit Dimech – 30 ta' Novembru '05

Għall-din il-laqgħa li saret fuq talba tal-Kunsill kienu preżenti is-Sindku Joseph Casha, il-Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsillier Louis Henwood flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.
Rendikont ta' dak li ġie diskuss f'din il-laqgħa huwa mehmuż ma dawn il-minutii.

15 (2) 10 Kumitat Konġunt LES – 2 ta' Diċembru 2005

F'din il-laqgħa ġew diskussi il-flus pendenti u dovuti lill-Kumitat Konġunt b'mod speċjali mill-Kunsilli Lokali iż-żgħar.

15 (2) 10.1 Il-Kunsilli il-kbar (Fgura, Żabbar u Marsascala) qed jinsistu li jekk dak dovut mill-Kunsilli żgħar ma jitħallsux, huma jieqfu jħallsu is-sehem tagħhom.

15 (2) 10.2 Dan iffisser li jew dan il-Kunsill jkun imġiegħel iħallas l-ammont dovut mill-allokazzjoni ġenerali jew li joħroġ mis-sistema.

15 (2) 10.3 Il-Kunsill iddiskuta din is-sitwazzjoni u kien tal-fehma li temporanjament il-ħlas dovut joħroġ mill-allokazzjoni ġenerali tal-Kunsill. Minn naħa l-oħra sejjer isir sforz biex dak li qed jidher li hu dovut lill-Kunsill f'din is-sistema jidħol biex jagħmel tajjeb għal dak li il-Kunsill sejjer joħroġ.

15 (2) 10.4 Saret laqgħa ma l-Authorising Officer flimkien ma l-istaff tal-Kunsill biex isir magħruf kif jistgħu jinġabru dawn il-flus dovuti lill-Kunsill.

15 (2) 11 Culverts u sistema ta' dranaġġ fl-Isla – 5 ta' Novembru 2005

Is-Sindku Joseph Casha flimkien mal-enginer Vince Vassallo u Frans Micallef għamlu diversi inspections fuq is- sistema ta' dranaġġ fl-Isla, b'mod speċjali fejn ilma qed jippenetra fir-residenzi fi Triq San Ġużepp. (Arthur Napier)

15 (2) 12 04/3037/05/I Infurzar tal-Liġijiet Ġodda dwar rimi ta' Skart – 5 ta' Diċembru '05

Kif ħafna semgħu l-Gvern nieda Regolamenti ġodda, magħrufa bħala l-Littering Regulations, b'pieni ħorox (multa ta' bejn Lm25.00 u Lm30.00 għall-offiżi ta' Littering u multa ta' bejn Lm1000.00 u Lm2500.00 għall-offiżi ta' dumping) u b'sistema ta' infurzar ġdida (Gwardjani Lokali pajżana). Biex ikunu jafu aktar xi jfissru dawn ir-regolamenti ġodda, il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar ser jorganizza laqgħa pubblika u naħseb li tajjeb li dan il-Kunsill jara kif se jinforma lir-residenti dwar dawn ir-regolamenti.

15 (2) 13 Korrispondenza (7 ta' Novembru 2005 – 6 ta' Diċembru 2005)

04/2837/05/I <u>Kuntratt tal-Korporazzjoni għas-servizzi ta' l-ilma.</u>

Id-diskussjonijiet bejn l-AILL u WSC għadhom sejrin.

04/2839/05/I

Ittra mingħand residenta Ingliża li marret toqgħod 12, Pjazza Francesco Zahra, dwar ilment li għamlet biex il-Kunsill jagħmel sign dwar karozzi ma jipparkjawx bis-silencer mal-faċċata tar-residenti ; kif ukoll dwar number plate tal-karozza tagħha li ġiet ittowjata.

04/2841/05/I

Ittra mingħand il-Perit A. Bezzina f'isem ir-resident Paul Schembri – 53, Triq San Ġużepp, li qiegħed jidħollu id-drainage fil-kantina.

04/2874/05/I Attivita' HMS Illustrious

Il-Kunsill irċieva mingħand il-Kummissjoni Ingliża id-draft programme għall-din l-attivita'. Il-Kunsill qabel ma dan il-programm.

04/2875/05/i 04/2877/05/i 04/2984/05/i

Il-Kunsill irċieva ċirkulari mill-AILL dwar dak li sejjer jiġi diskuss, flimkien mal-mozzjonijiet li sejrin jitressqu waqt il-laqgħa tas-Sindki bejn id-9 u l-10 ta' Diċembru 2005.

04/2880/05/I Strina 2005

Il-Kunsill aċċetta it-talba biex jagħti donazzjoni għall-attivita' imtella' apposta fejn ix-Xandir Nazzjonali.

04/2882/05/I Użu tas-Sala

Il-Kunsill approva it-talba ta' grupp ta' ġenituri li talbu biex jibbukjaw is-sala tal-Kunsill għall-okkażżjoni tal-preċett f'Ġunju 2006 wara nofs in-nhar.

04/2925/05/I Sħubija AVEC

Il-Kunsill irċieva applikazzjoni għal sħubija f'dan il-proġett. Il-Kunsill approva din is-sħubija.

04/2927/05/I Ittra mill-Boċċi Klabb

Il-Kunsill qabel li jixtri il-materjal u ix-xogħol isir minnhom biex jissewwew ħsarat li saru mal-ħajt li jiġi taħt il-ħamrija li hemm fil-playing field. L-ammont ikkonsidrat ilaħħaq madwar Lm100

04/2935/05/I

Applikazzjoni mil-Planning Authority dwar talba biex issir trinka minn Triq San Ġiljan – Triq iż-Żewġ Mini sa Triq Sant' Anġlu biex jitpoġġa qabel App. No. 6929/05.

04/2946/05/I

Ittra mingħand Joseph Demanuele fejn qiegħed jirrakomanda lil Kunsill biex issir mera fil-Mina fid-daħla ta' l-Isla.

04/2955/05/I Devoluzzjoni ta' Mħażen

Id-Dipartiment għal Gvern Lokali informa lill-Kunsill li il-proċess dwar din id-devoluzzjoni għadu sejjer.

04/2956/05/I 04/3017/05/I Jum il-Premjazzjoni skola Don Mauro.

Il-Kunsill ġie mistieden mil-Kap ta' din l-iskola għal Jum il-Premjazzjoni nhar l-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2005 fis-6.30pm.

04/2993/05/I Regolamenti dwar Assoċċjazjonijiet ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali.

Il-Kunsill irċieva kopja tal-Pubblikazzjoni ta' AL no 387/2005 dwar dan is-suġġett.

04/3005/05/I Konferma ta' Ħaddiema ta' l-IPSL

Id-direttur għad-Dipartiment għal Gvern Lokali ikkonferma li s-Sur Alfred Massa u Emmanuel Spiteri għandhom jkomplu jaqdu id-dmirijiet tagħhom fil-Kunsill Lokali kif kien assenjat minn qabel.

04/3026/05/I

Irċivejna kopja tal-minuti tal-konferenza li saret f'Toledo fit-12 ta' Ottubru.

04/3033/05/I

Ittri mill-H.M.S Illustrious Association bħala ringrazzjament ta' dak kollu li sar magħhom waqt l-attivitajiet li saru fl-Isla.

04/3034/05/I

Stedina mis-Segretarju Parlamentari għal-Edukazzjoni għall-Inaugurazzjoni Nazzjonali tal-Europass fil-15 ta' Diċembru 2005.

## 15 (3) Mistoqsijiet

15 (3). 1 Is-Sindku Joseph Casha ippreżenta bil-miktub it-tweġibiet tiegħu għal tmien mistoqsijiet imressqa bil-miktub mill-Kunsillier Louis Henwood. (kopja mehmuża).

15 (3). 2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta it-tweġibiet tiegħu bil-miktub għal mistoqsija mressqa bil-miktub mill-Viċi Sindku Walter Ahar (kopja mehmuża).

## 15 (4) Kuntratt Football Ground

Is-Sindku Joseph Casha qara l-aħħar kopja tal-kuntratt li ippreżenta is-Senglea Athletics F. C. dwar twaqqif ta' pitch tal-football sintetiku fil-Ground tal-Ponta.

15 (4) 1 Fl-1 ta' Diċembru 2005 is-Sindku Joseph Casha kellu laqgħa ma l-uffiċjali tal-Kumitat tal-SAFC dwar il-Kuntratt preżentat. Kopja ta' dak li ġie diskuss, flimkien mal-kuntratt hija mehmuża ma dawn il-minuti.

15 (4) 2 Dan il-kuntratt li jrid isir bejn il-Kunsill u is-Senglea Athletics F.C. ġie mħejji mill-MFA.

15 (4) 3 Minħabba li f'dan il-kuntratt hemm klawżoli li dan il-kunsill mhux kuntent bihom u wħud mhux ċari, dan il-Kunsill qabel li qabel jkompli jmexxi bil-proċess jieħu passi legali.

15 (4) 4 Sar qbil li ssir laqgħa ma l-avukat tal-Kunsill.

15 (4) 5 Kopja ta' dan il-ftehim hija mehmuża.

## 15 (5) Attivita' Rigal lill-Anzjani

Is-Sindku Joseph Casha ippreżenta kopja tal-programm għal din l-attivita' (kopja mehmuża).

15 (5) 1 Din l-attivita' sejra issir fis-Sede filwaqt li il-materjal għal catering sejjer jinħareġ mil-Kunsill filwaqt li ix-xogħol sejjer isir b'xejn mill-grupp ta' l-Azzjoni Kattolika fi ħdan il-Knisja tal-Paroċċa.

15 (5) 2 Il-Kunsill qabel li jgħati donazzjoni ta' Lm60 bħala rikonoxximent ta' dan is-servizz.

15 (5) 3 Il-Kunsill qed jistenna li din l-attivita' sejra tiswa madwar Lm607.05 spejjeż li jkopru is-serata u ir-rigali (kopja mehmuża).

15 (5) 4 Dawk l-anzjani li huma il-fuq minn 75 sena u ma jkunux jistgħu jattendu għal din is-serata sejjer jitteħdilhom ir-rigal id-dar.

15 (5) 5 Il-Kunsill sejjer jissussidja din l-attivita' b'Lm350 (ara riżoluzzjoni nru. 9.3 ( 11/2005)

## 15 (6) Pjazza J. B. Azzopardo

Il-Kunsill huwa inkwetat minħabba li dan il-post, l-aktar fit-toilets, qed isiru abbużi minn żagħżagħ li qed jiffrekwentaw ta' sikwit dan il-post.

15 (6) 1 Ġiet diskussa il-possibilita' li jsir kanċell tal-ħadid biex jagħlaq din l-area. Pero minħabba spejjeż kbar u priorita' din l-idea twarbet għal issa.

15 (6) 2 Il-Kunsill kien tal-fehma li tintalab l-għajnuna mill-Pulizija biex issir aktar sorveljanza.

## 15 (7) Talba eżibizzjoni M.C. Escher ġewwa l-Isla.

Il-Kunsill ġie mistieden mill-Culture Tracks biex jorganizza eżibizzjoni ta' M.C. Escher ġewwa l-Isla.

15 (7) 1 Il-Kunsill qabel li issir diskussjoni biex jesplora u jaħdem fuq din il-proposta.

## 15 (8) Rikonoxximent Tfal Junior Lyceum u bibita Sotto Kumitati

Il-Kunsill qabel li issir bibita bħala rikonoxximent tal-ħidma mis-Sotto Kumitati u jgħati rikonoxximent lil madwar 30 tifel u tifla li huma mill-Isla u li għaddew għal Junior Lyceum.

## 15 (9) Riżoluzzjonijiet

Il-Kunsill kellu ħames riżoluzzjonijiet għall-approvazzjoni.

15 (9) 1 Riżoluzzjoni Nr. 10/2005 (kopja mehmuża). Il-Kunsill approva nem com din ir-riżoluzzjoni.

15 (9) 2 Riżoluzzjoni Nr. 11/2005 (kopja mehmuża). Il-Kunsill approva nem com din ir-riżoluzzjoni.

15 (9) 3 Riżoluzzjoni Nr. 12/2005 (kopja mehmuża). Il-Kunsill approva nem com din ir-riżoluzzjoni.

15 (9) 4 Riżoluzzjoni Nr. 13/2005 (kopja mehmuża). Il-Kunsill approva nem com din ir-riżoluzzjoni.

15 (9) 5 Riżoluzzjoni Nr. 14/2005 (kopja mehmuża). Il-Kunsill approva nem com din ir-riżoluzzjoni.

15 (9) 6 Kalendarju Kommemorattiv 2006

Bħal ma kien aċċennat fil-laqgħa tal-Kunsill Nr. 14 (minuta 14(10), il-Kunsill qabel li titressaq mozzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss biex japprova li dan il-Kalendarju jsir. Dan il-kalendarju qed jikkomemora il-miġja ta' l-H.M.S. Illustrious f'Malta.

L-H.M.S. Illustrious għandha rabtiet kbar mal-belt ta' l-Isla li jmorru lura sa żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.

Is-Sindku Joseph Casha informal ill-Kunsill li jista' jkun hemm sponsor biex jagħmel tajjeb għal parti mill-ispejjeż involuti.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada ma kienetx taqbel li dan il-kalendarju għandu jipproġetta l-H.M.S. Illustrious iżda li jkun hemm ritratti ta' l-attivita' li il-Kunsill wettaq matul is-sena.

Għaldaqstant hija qed tastjeni milli tivvota. L-erba' kunsilliera l-oħra kienu favur li dan il-Kalendarju isir.

## 15(10) Ħlas ta' Pagamenti.

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar u issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva il-ħlas għall-ammont ta' Lm9,664.04 u Lm5,729.48.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmgħet fis-8.46pm.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ______________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

______________________ ______________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv